MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Numru 658/2007

Il-Pulizija

(Spettur Johan Fenech)

vs

Alfred Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 459450m akkuzat talli fis-17 ta' Lulju 2006 bejn it-20.00hrs f'Misrah il-Knisja, Birzebbugia:

1. minghajr il-hsieb li toqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christian Galea skond kif iccertifika Dr.M.Scerri M.D;
2. hebb kontra Christian Galea sabiex jingurjah jew jaghmillu hsara;
3. ghamel lil Christian Galea ingurji jew theddid jew jekk kien provokat ingurjatu b'mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
4. volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta ta' Christian Galea.

Rat ir rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata sommarjament udeciza minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kolllha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat b' ferita gravi tali li kienet tikkostitwixxi: ((a) perikolu tal-hajja jew ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew ta' marda permanenti tal-mohh jew l-probabbilta' ta' dan il-perikolu minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiz; (b) jew tkun gabet mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. Hu akkuzat wkoll b' offizi kontravenzjonali tal-ksur tal-paci pubblika u ingurji u theddid.

L-incident li ta' sfog ghall-dawn l-imputazzjonijiet gara fid-data u hin imsemmija fl-akkuza precisament fuq iz-zuntir tal-Knisja Parrokjali ta' Birzebbugia. Mill-provi skarni li gew prodotti jirrisulta li kienet sehhet glieda wara argument minn zewg gruppi ta' zaghzagh f'liema, fost griehi ohra allegatament sofferti minn fosthom, jidher li sofra xi griehi l-parti offiza Christian Galea. L-imputat tharrek fuq li kien stqarr l-imsemmi Galea lill-Pulizija fis-sens li kien gharfu lill-imputat. Fil-fatt fix-xhieda tieghu stqarr li l-imputat tah tlett daqqiet bi briksa. Esebixxa erba ritratti tal-griehi li sofra. Gie esebit ukoll certifikat mediku. Jidher li l-griehi kienu jikkonsistu f'qasma u tbengila fuq l-ghajn ix-xellugija u xi tbengil fuq koxxtu. Meta xehed it-tabib li hareg ic-certifikat mediku huwa rrifera biss ghall-cikatrici fuq l-aspett laterali 'l fuq mill-ghajn tax-xellug u stqarr li kienet vizibbli minn distanza qasira – 'talking distance'. L-imputat xehed u cahad. Fuq domandi ripetuti stqarr li fiz-zmien l-incident ma kien qed isir ebda xoghol fuq iz-zuntier u ma kienx hemm ebda gebel.

In vista ta' din ix-xhieda ghalkemm jirrisulta li l-kwerelant sofra griehi li f'kull kaz huma negligibbli tant li hu stess fl-ahhar xehed li m'ghadhomx jidhru u lanqas hemm jew kien hemm xi konsgwenzi kawza taghhom, il-Qorti hi tal-fehma li m'hemmx bizzejjed ghall-konvicju tal-imputat lanqas ghal dak li jikkoncerna l-kontravenzjonijiet u kwindi qed tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------